MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 248/2012

**AB**
**Vs.**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Novembru 1975 u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dr Marthese Pace mit-30 ta’ Gunju 1983 (Dok CM1);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrenti qatt ma kien obbligat li jhallas manteniment ghal martu, kif jirrizulta wara l-qari tal-kuntratt esebit.

Rigward uliedhom, li dak iz-zmien tas-separazzjoni kienu ghadhom minuri, dawn trabbew mill-esponent, u ghahekk ma kienx fl-obbligu li jissomministra mateniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-23 ta’ Novembru tas-sena 1975 u li minn dan iz-zwieg kellhom erbat (4) itfal illum kollha maggorenni;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marthese Pace fit-30 ta’ Gunju tas-sena 1983;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar disa u ghoxrin (29) sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi wlied il-partijiet huma kollha maggiorenni, u f’kwalunkwe kaz Carmen Agius irrinunzjat ghal kwalunkwe dritt ta’ manteniment u dan skond klawsola 5 tal-fuq imsemmi kuntratt;

Illi ghalhekk huwa minnu li dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib

tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti Carmel Mallia u ma ssib ebda oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Carmel Mallia;

Rat id-digriet taghha ta-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju 1983;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemmx manteniment dovut lill-intimata u illi l-ulied dejjem trabbew minnu u ghalhekk ma kienx hemm obbligu da parti tieghu illi jhallas manteniment fir-rigward tat-tfal minuri lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------